Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 6/18

**Rwah Awad (ID 132062A)**

**(appellanti)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali**

**(appellat)**

4 ta' Diċembru, 2018.

1. **Il-każ jitratta d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali li Rwah Awad mhix intitolata għal "*Subsidiary Unemployment Assistance*".**

2. B'ittra datata 20 ta' Settembru 2017, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Rwah Awad li ma kinitx intitolata għal "*Subsidiary Unemployment Assistance*" u dan għaliex kien irriżultalu li "*m'intix tifforma familja għal rasek*".

3. Rwah Awad appellat quddiem l-Arbitru minn tali deċiżjoni[1]. Hija spjegatlu hekk:

> "*I am a separated woman with 4 children. My ex-husband doesn't live with me, and I have to pay the bills and I can't afford. My situation is a mess and it's been three 3 months that you haven't sent me the money. You have to give me the help, my child doesn't hear well and he needs a meeting every month with the doctor to revise the apparatus that he wears. I'm writing this letter to look at my situation. My ex-husband renting away from me he took all of his things he even changed the ID address.*"

4. Fl-24 ta' Jannar 2018 id-Direttur Ġenerali wieġeb għall-appell ta' Rwah Awad

[1] L-ittra tagħha waslet quddiem l-Umpire Board fis-26 ta' Settembru 2017 (Umpire No. 674/17)

permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarja tal-Arbitru[2]. Huwa spjega li Awad kienet benefiċjarja tal-għajnuna soċjali sad-9 ta' Ġunju 2017 u li tali għajnuna kienet twaqqfitilha in segwitu għar-rapport tas-*social worker* meta rriżulta li Awad ma kinitx qed tifforma familja għal rasha. Kompla jispjega li fit-8 ta' Awwissu 2017 Rwah Awad reġgħet applikat għall-għajnuna soċjali fl-istess residenza preċedenti, u din ġiet miċħuda abbażi tal-istess rapport.

5. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' April 2018[3], ikkonkluda li ma kellu l-ebda dubju li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali kienet waħda ġusta u timmerita konferma. Għalhekk ċaħad l-appell ta' Rwah Awad u kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tal-20 ta' Settembru 2017.

6. Fil-31 ta' Mejju 2018 ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tal-Arbitru u talbet lil din il-qorti sabiex tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-11 ta' April 2018 sabiex hija tkun tista' tirċievi l-benefiċċji soċjali li jgħinu lilha u lil uliedha.

7. **L-aggravju tagħha huwa ppernjat fuq l-allegazzjoni li hija effettivament qed tifforma familja għal rasha.** Tenfasizza li hija mara tad-dar u tgħix waħedha mal-erbat itfal tagħha, li missier it-tfal tagħha (Daham Al Hamed) jagħtiha biss €100 fix-xahar u li l-ebda raġel ma jgħix magħha.

8. Fit-18 ta' Ġunju 2018 l-intimat wieġeb li l-appell hu infondat fil-fatt u fid-dritt u li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu *ai termini* tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta wara li għarbel il-provi kollha tal-każ. Għalhekk isostni li l-appell għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni tal-Arbitru kkonfermata. Bl–ispejjeż.

**Provi li jirriżultaw mill-atti:**

9. L-appellanti (persuna ta' nazzjonalita` Sirjana) għamlet żmien tircievi għajnuna soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali. Żewġha Daham Al

[2] L-ittra tiegħu waslet quddiem l-Umpire Board fil-25 ta' Jannar 2018
[3] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 124/18

Hamed kien għamel dikjarazzjoni fejn qal li kien issepara minn magħha.[4] Jidher għalhekk li Rwah Awad kienet qed tirċievi benefiċċju bħala persuna li kienet qed tifforma familja għal rasha.

10. **Fit-8 ta' Ġunju 2017** (madwar sena mill-applikazzjoni tagħha) is-*social worker* Victoria Bugeja marret għand Rwah Awad fil-fond 8, Triq il-Kungress Marjan, Marsa: *"to assess actual situation".* Dak iż-żmien irriżultalha li skont is-*Civil Database* (CdB), żewġha Daham Al Hamed kien jidher residenti fl-istess indirizz.

11. Is-social worker għamlet rapport, li kkonfermat bil-ġurament fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2018 quddiem l-Arbitru, (enfażi tal-qorti):

> *"I carried out a home visit at the above-indicated address and I knocked at the door and a foreign lady come out in the balcony and indicated that* ***she could not open the door as it had been locked by her husband.*** *When I informed her that I needed to speak to her with regards her request for social benefits, Mrs Awad told me that she will call her husband on her mobile to ask him if he could come over to open the door for me so that I could speak to applicant about her request for benefits.*
>
> *Mrs Awad in fact called her husband on the mobile and although the conversation through similarities in the language. In fact applicant indicated that she had informed her husband and added that he should be returning home shortly. I asked Mrs Awad if her husband was far away but she indicated that he was in the vicinity, whilst adding that he will be home soon.*
>
> *In reality after about 10 minutes I saw a big black Mercedes van coming round the corner and it parked next to the house. At this point Mr Al Hamed stepped down from the van with two of his minor children and* ***whilst taking the keys of the house from the van proceeded to open the front door****. At this point I went up the stairs, as the place in question is a 1st floor maisonette. On the 1st floor I found Mrs Awad and although the latter had communicated with me prior to the arrival of Mr Al Hamad, she did not say another word during the home visit.*
>
> *At this point I asked Mr Al Hamad about the situation in general and* ***he indicated that he was employed on and off in the building industry, whilst indicating that he spent a couple of nights at his brother's home whilst adding that he spend the rest of the week with his wife****. Mrs Awad at this point was seated on the sofa close by, breast feeding her infant child and as already indicated she remained quiet throughout the rest of the home visit.* ***It is worth noting at this point that applicant as well as her husband and the children were all well dressed and the house was in order****. I also noted there was a big pot on a flame in the centre of the kitchen and there was some food being cooked at the*

[4] Dikjarazzjoni li m'hijiex fl-atti; pero` hemm riferenza għaliha fir-rapport tas-*social worker.*

Din il-qorti tosserva wkoll li fir-risposta tal-appell tiegħu id-Direttur appellat jgħid li din id-dikjarazzjoni ta' Daham Al Hamed hija datata **16.06.2016** u kienet ġiet annessa mal-applikazzjoni (evidentement l-ewwel applikazzjoni tagħha, li ukoll mhix fl-atti). Jgħid ukoll li fid-dikjarazzjoni tiegħu huwa qal li jirrisjedi fil-fond *34, Triq il-Vitorja, Ħamrun*, u cioe` mhux ma' martu, u li kien ilu li ssepara "de facto" minn magħha sa mill-bidu tal-2016.

*time.*

*Whilst we were going over the situation I asked Mr Al Hamed if he had any clothes in the house and without any hesitation Mr Al Hamed took me over to the bedroom that stood adjacent to the living room in which we were at the time, and after opening two of the units that one finds in this room,* ***Mr Al Hamed showed me a vast array of adult male clothes, which one could easily associate with an adult male of the same age and build of Mr Al Hamed, which in fact the latter indicated all pertained to him.***

*In the 2nd bedroom that stood on the other side of the stairs there was a pushchair near a mat in the middle of the room and at one point applicant's youngest daughter was lying resting on this mat. On the side, against the wall, there was a number of cushions piled up on top of each other. Next to this room there was the bathroom at one side and a large terrace on the other side. This maisonette also had its own roof.*

*Mr Al Hamed stated that only one of his children, Wadah, went to school, whilst indicating that he actually went to the Hamrun Primary School as he had been going there at the beginning of the year and he felt that it would be better if he left him in this school for the time being till the end of term.*

*At this point I terminated the home visit as there were no more issues that needed to be explored."*

12. In segwitu għal tali rapport, il-benefiċċju li kienet qegħda tirċievi Rwah Awad twaqqaf l-għada: **fid-<u>9 ta' Ġunju 2017</u>**. Ovvjament dan kien għaliex irriżulta li:

(i) kemm l-applikazzjoni tagħha tal-2016 fejn talbet għajnuna soċjali abbażi tal-allegazzjoni li qed tifforma familja waħedha;

(ii) kif ukoll l-annessa dikjarazzjoni ta' żewġha (datata 16.06.2016) intiża biex tissostanza l-applikazzjoni tagħha;

kienu t-tnejn inveritieri in kwantu irriżulta li Rwah Awad ma kinitx separata minn ma' żewġha u qed tifforma familja għal rasha. Saħansitra skont ir-rapport tas-*social worker* jirriżulta li fl-4 ta' Jannar 2017 **kellhom tarbija** (Aisha Al Hamed) minkejja li skont id-dikjarazzjoni ta' Rwah Awad kienu ilhom separati mill-bidu tal-2016).

13. **<u>Fit-8 ta' Awwissu 2017</u>** Rwah Awad reġgħet applikat mad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali sabiex tirċievi għajnuna soċjali[5], liema applikazzjoni hija mertu ta' dan il-każ odjern. Hija f' tali applikazzjoni ddikjarat illi tinsab separata minn

[5] "*Subsidiary Unemployment Assistance"* (SUA).

żewġha, li tgħix waħedha flimkien mal-erbat it-tfal tagħha[6] fil-fond 8, Triq il-Kungress Marjan, Marsa u li tirċievi "*maintenance as per laywer's document*", liema dokument ma jidhirx fl-atti[7]. Iddikjarat lilha nfisha bħala l-"kap tal-familja". Fuq tali applikazzjoni, Rita Grech (Principal), l-Uffiċjal tad-Distrett, irrimarkat li kien irriżultalha li r-raġel ta' Rwah Awad, biddel id-dettalji fuq il-karta tal-identita` tiegħu, u li kien qed jidher bħala li joqgħod il-Ħamrun.

14. Fl-20 ta' Settembru 2017 id-Direttur Ġeneral tas-Sigurta` Soċjali ċaħad tali applikazzjoni abbażi tar-rapport tas-*social worker* tat-8 Ġunju 2017 stante li skont tali rapport kien irriżulta li ma kinitx qed tifforma familja għal rasha.

15. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2018 quddiem l-Arbitru, Rwah Awad sostniet li hija tgħix waħedha mal-erbat itfal tagħha, u li żewġha, li jaħdem ta' bajjad, jgħix il-Ħamrun u jmur id-dar tal-Marsa darbtejn fil-ġimgħa biex jara t-tfal u jkellimha. Meta reġgħet xehdet aktar tard fl-istess seduta, pero', qalet li żewġha jagħmel jumejn jgħix għand ħuh, u l-kumplament tal-ġimgħa fil-post tal-Marsa.

**Konsiderazzjoni.**

16. Fil-perjodu bejn id-9 ta' Ġunju 2017 (meta twaqqaf il-benefiċċju li kienet tirċievi Rwah Awad) u t-8 ta' Awwissu 2017 (meta l-istess Rwah Awad reġgħet applikat għal benefiċċju) ir-raġel ta' Rwah Awad biddel l-indirizz tar-residenza tiegħu fuq il-karta tal-identita` minn dak tal-Marsa għal wieħed fil-Ħamrun. Dan il-fatt pero` fih innifsu mhux prova konklussiva li huwa biddel ir-residenza tiegħu u ma baqax jabita ma' martu.

17. Il-fatt li r-raġel ta' Rwah Awad jgħaddilha somma flus fix-xaħar għal uliedha

---

[6] Wadah Al Hamed (tifel)
Abdulaziz Al Hamed (tifel)
Gazeh Al Hamed (tifla)
Aisha Al Hamed (tifla)

[7] Id-Direttur appellat fir-risposta tiegħu qal li l-**manteniment** indikat minn Rwah Awad kien ta' €100 fix-xahar għal tnejn mill-ulied. Fir-rikors tal-appell l-appellanti terġa ssemmi li tirċievi biss €100 fix-xahar bħala manteniment mingħand żewġha.

(skont hi "manteniment" ta' €100 fix-xahar) mhux prova konklussiva li bejnha u bejn żewġha m'hemmx familja.

18. Rwah Awad ma ressqet l-ebda provi quddiem l-Arbitru (apparti x-xiehda tagħha stess) biex tipprova għas-sodisfazzjon tal-istess Arbitru li hija fil-fatt hija separata minn żewġha u qed tifforma familja għal rasha u li konsegwentement id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tal-20 ta' Settembru 2017 kienet infondata u inġusta[8]. U anke ix-xiehda tagħha stess hija kemmxejn kontradittorja, in kwantu l-ewwel qalet li qed tgħix waħedha ma' wliedha, imbagħad meta reġgħet xehdet wara d-depożizzjoni tas-*social worker* qalet li żewġha "*jagħmel jumejn għand ħuh u l-kumplament tal-ġimgħa fil-flat il-Marsa"*. Jiġi enfasizzat li f'dan ir-rigward kienet qed tixhed b'riferenza għas-sitwazzjoni attwali (14 ta' Marzu 2018) u mhux għaż-żmien meta marret is-*social worker* (8 ta' Ġunju 2017), in kwantu xehdet li *"jagħmel"* u mhux *"kien jagħmel".*

19. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellanti qalet li minn tagħrif li ngħatat l-appellanti, qatt ma qalet dawk il-kliem. Il-qorti ssibha diffiċli temmen li dak il-kliem kien ivvintat minn terza persuna.

20. Il-fatt li fl-applikazzjoni preċedenti tal-2016 l-appellanti tat informazzjoni li wara rriżulta' li ma kinitx minnha (anke bil-kollaborazzjoni ta' żewġha) bl-iskop li tibda tirċievi benefiċċju soċjali, ċertament iwassal sabiex dak li jkun jiddubita mill-ġenwinita` tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni oġġett tal-proċeduri in eżami.

21. Ikkunsidrat dan kollu din il-qorti ma tistax tqis li hija verosimili l-informazzjoni li niżżlet fuq it-tieni applikazzjoni tagħha tat-8 ta' Awwissu 2017 (mertu tal-każ odjern) meta ddikjarat lilha nfisha bħala l-"kap tal-familja" u li tgħix waħedha mal-erbat itfal tagħha fid-dar tal-Marsa. Dan meta tqies li minn meta s-*social worker* marret għand l-appellanti sakemm applikat għat-tieni darba, kienu

[8] Bħal per eżempju kuntratt ta' kera ta' żewġha (fl-ittra tagħha ta' Settembru 2017 lill-Arbitru qalet li "*my ex-husband renting away from me"),* kuntratt ta' proċeduri għal separazzjoni, xiehda ta' terzi li m'għandhomx interess bħal ġirien, eċċetra.

għaddew biss xahrejn.

22. Ma jistax għalhekk jitqies li kienet inġusta d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tal-20 ta' Settembru 2017 meta ċaħad l-applikazzjoni tagħha tat-8 ta' Awwissu 2017 biex tirċievi s-"*Subsidiary Unemployment Assistance"* (SAE) stante li ma rriżultalux li kienet qed tifforma familja għal rasha.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell ta' Rwah Awad u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-11 ta' April 2018. Bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti.**

Anthony Ellul.